# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 20 ta' Marzu, 2001

### Citazzjoni numru : 10/2001 G1(PC)

**Zammit Aluminium Limited .**

**VS**

**L-avukat Dottor Carmelo Galea LL.D. u Silvio Zammit bhala esekuturi testamentarji tal-assi ereditarju ta' Charlie Grech kif ukoll Dottor Anton Refalo bhala prokuratur tal-imsifrin Trudie u Carrie ahwa Grech ulied l-imsemmi mejjet Charlie Grech .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi l-konvenuti huma debituri versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, mitejn u tmienja u ghoxrin lira u tletin centezmu (LM1,228.30c), bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' aluminium mahdum u istallat fuq il-post fuq inkarigu ta' Charlie Grech, u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Statement (Dokument ZA-01); liema debitu gie rikonoxxut mill-istess konvenuti (Dokument ZA-02) ;**

**Illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'igibu kontra d-doimanda tal-istanti .**

**Talbu lil din il-Qorti tghid ghaliex il-konvenuti nomine m'ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma fl-ammont ta' elf, mitejn u tmienja u ghoxrin lira u tletin centezmu (LM1,228.30c), bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' aluminium mahdum u istallat fuq il-post fuq inkarigu ta' Charlie Grech kif fuq spjegat .**

**Bl-ispejjez, u l-imghax legali mit-tletin t'Ottubru tas-sena elfejn (30.10.2000) kontra l-konvenuti debitament imharrka ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti li ggib id-data tat-2 ta' Frar, tas-sena elfejn u wahda .**

**Rat id-dokumenti esebiti mac-citazzjoni .**

**Rat ukoll in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti nomine pprezentata illum seduta stante .**

**Il-Qorti ghal hekk in vista ta' din l-ammissjoni tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ndikata fic-citazzjoni u cioe' is-somma ta' elf mitejn tmienja u ghoxrin lira maltija u tletin centezmu (LM1,228.30c), bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' aluminium mahdum u istallat fuq il-post fuq inkarigu ta' Charlie Grech illum mejjet u irrapprezentat mill-konvenuti nomine .**

**Bl-ispejjez, bl-imghax legali mid-data tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut .**

**Magistrat**

**Deputat Registratur .**

S1001Pc
324